# MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017**

**SEDUTA NRU 14**

**IL-TNEJN 10 TA' MARZU 2014 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA**

# PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

Il-minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Zammit qal li jixtieq jara li ċerti xogħolijiet ikunu m'għamula b'aktar effiċċjenza b'mod speċjali fil-Qasam Amministrattiv.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li minħabba raġunijiet personali tiegħu se jkollu jirizenja mid-dekasteri izda xorta jgħin jekk jista.

2.2 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward it-Tender tal-perit u li jrid jintgħażel persuna jew persuni skond il-qasam tax-xogħol u neċċesitajiet tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-possibilta li ssir Reverse Osmosis fl-ufficini tal-Kunsill, peress li l-Kuntratt li għandu il-Kunsill man-Nibe Beverages spiċċa.

Is-Sindku Max Żammit ippreżenta żewg quotations. Dawn kienu il-World Marketing u l-iehor mingħand ABT LTD.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ma qabilx li għandna ngħamlu r-Reverse Osmosis għax qal li biex taħdem trid tarmi ħafna ilma u trid tara fejn se jintrama l-ilma.

Saret diskussjoni u il-Viċl Sindku Ronnie Portelli, il-Kunsillier Frank Roe u l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qablu mal-proposta tas-Sindku li r-Reverse Osmosis għandha ssir minufih.

## 3 KORSIJIET EDUKATTIVI

Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward korrispondenza li ntbghat rigward korsijiet edukattivi fosthom *firstaid, health talks* etc.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti ssuġġerrixxa li ssir kumitat għal dawn il-korsijiet u jieħdu ħsiebhom huma.

Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dan.

## 4 MOBILE TOILETS

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward l--*mobile toilets* tax-Xatt li infethu dan il-weekend. Kien hemm problema li kienu żgassati u s- Sindku Max Zammit rranġa ma min kien qieghed jieħdu ħsiebhom biex jinfetħu sas-7.00 ta' filgħaxija.

Is-sidnku Max zammit qal li biex jitnaddfu t-toilets hemm fee ta' 3 euros il-ġurnata.

Is-sidnku Max zammit qal li kien hemm problema ta' aċċessibilta peress li l-entratura tal-mobile toilets ma jienx wiesgħa biżżejjed biex tidħol. Kien staqsa jekk jistghux joffru xi ħaġa għad-diżabilta bħalha *toilets*.

Il-Kusnill iddiskuttew dan u qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku.

## 5 RESIDENT PARKING SCHEME

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward ir-Resident Parking Permits.

Is-Sindku Max Zammit qal li xtaq jsir forma ta' *guest parking* għal min iżur ir-resident

Is-Sindku Max Zammit ippreżenta tliet *quotations* tal-permessi l-ġodda.

Dawn kienu : ABC LTD ta' 708 euros
Outlook COOP ta' 684.40 euros
Print Line Quality Printers ta' 564.40 euros

Il-Kunsill iddiskuttew dawn il-quotations. Il-Kunsill iddiskuttew il-fatt li fil-preżent ir-Resident Parking Permits għamluhom l-ABC, u dawn dejjem għamlu xogħol sew għal-Kunsill.

Il-Kunsill qablu unanimament li dawn il-permits għandhom isiru ghand l-ABC.

## 6 TWINNING U MATERJA OĦRA

Is-Sindku Max Żammit resaq il-proposta li kellu biex issir twinning bejn Ta' Xbiex u pajjiz ieħor. Is-Sindku Maz Żammit tkellem rigward xi proposti li kellu għall-ġemellaġġi ma xi pajjiżi fl-Italja. Il-pajjiżi li semmha kienu Montelibretti (Ruma), Uggaite Trevano (Como), Crucoli (Crotone), Cerisano (Cosenza). Il-Kunsill iddiskuttew dawn il-postijiet. L-iktar li kienu vantaġġużi kienu Montelebretti (Ruma) u Uggaite Trevano (Como) minħabba li kien f'post tajjeb bħalha kultura u anke biex jinstabu flights.

Il-Kusnill qabel unanimament ma dan

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li kien qiegħed jaħdem wkoll fuq xi gemellaġġ ma Aci Catena (Catania).

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li xtaq il-possibilta li ssir gemellaġġ ma Assisi l-Italia.

Il-Kunsillier Frank Roe tkellem rigward il-gemellaġġ li kellu l-Kunsill qabel mal-Griegi.

## 7 EGĦLUQ TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL

Il-laqgha tal-Kunsill spiccat fit-8.30pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jsir fis-17 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Paul.J.Pace | Max Zammit |
| Agent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Max Żammit
Sindku